

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfiisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Kumpens](#) > [Jekk It-talba Tiegħi Se Titqies F'dan Il-pajjiż](#) > [Malta](#)

Jekk it-talba tiegħi se titqies f'dan il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut minn Malta



Malta

Liema tip ta' kriminalità nista' nikseb kumpens għaliha?

It-tip ta' kriminalità li tista' tikseb kumpens għaliha hija stupru b'użu ta' vjolenza, li tinduċi persuni taħt l-età għall-prostituzzjoni, omiċidu volontarju, ħsara gravi fuq il-ġisem u ħruq volontarju li jista' jipperikola l-ħajja.

Liema tip ta' korriment nista' nikseb kumpens għalih?

Tista' tikseb kumpens għal kwalunkwe dannu mġarrab bħala konsegwenza ta' delitt vjolenti intenzjonat imsemmi hawn fuq.

Nista' nikseb kumpens jekk jien membru tal-familja jew dipendenti ta' vittma li tkun mietet b'riżultat ta' reat? Liema qrafa jew dipendenti jistgħu jiksbu kumpens?

Jekk inti membru tal-familja jew dipendenti ta' vittma li tkun mietet b'riżultat ta' reat, tista' tikseb kumpens. Dipendenti tfisser il-persuni miżmuma mill-mejjet u l-persuni li kienu intitolati bil-liġi li jeħtieġu li jinżammu mill-mejjet.

Nista' nikseb kumpens jekk jien membru tal-familja jew dipendenti ta' vittma li tkun għadha ħajja? Liema qrafa jew dipendenti jistgħu jiksbu kumpens f'dan il-każ?

Ma tistax titlob kumpens jekk tkun membru tal-familja jew dipendenti ta' vittma li tkun għadha ħajja.

Nista' nikseb kumpens jekk m'iniex ċittadin ta' pajjiż tal-UE?

Ma tistax titob kumpens jekk m'intix ċittadin ta' pajjiż tal-EU

Nista' nitlob kumpens minn dan il-pajjiż jekk ngħix hawn jew niġi minn hawnhekk (dan hu l-pajjiż ta' residenza tiegħi jew tan-nazzjonalità) anki jekk l-att kriminali sar f'pajjiż ieħor tal-UE? Nista' nagħmel dan minflok nitlob kumpens fil-pajjiż fejn ikun seħħ ir-reat? Jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

F'dan il-każ tista' titlob kumpens billi tipprovdni l-assistenza u l-inforazzjoni kollha raġonevoli meħtieġa għall-

finijiet in kwistjoni

Għandi nkun irrapportajt l-att kriminali lill-pulizija qabel ikun nista' nitlob kumpens?

Iva għandek tkun irrapportajt l-att kriminali lill-pulizija qabel tkun tista' titlob kumpens.

Irrid nistenna r-riżultat ta' xi investigazzjoni tal-pulizija jew xi proċeduri kriminali qabel ma nkun nista' nagħmel it-talba?

Mhux neċessarjament tistenna r-riżultat ta' xi investigazzjoni tal-pulizija jew xi proċeduri kriminali qabel ma' tkun tista' tagħmel it-talba

Għandi għalfejn l-ewwel nitlob kumpens mingħand min wettaq ir-reat — jekk ikunu ġew identifikati?

L-ewwel għandek titlob kumpens mingħand min wettaq ir-reat - jekk ikunu ġew identifikati.

Jekk dak li wettaq ir-reat ma ġiex identifikat jew ma nstabx ħati, xorta nista' nikkwalifika għall-kumpens? Jekk iva, liema evidenza rrid nippreżenta biex nappoġġa t-talba tiegħi?

Jekk dak li wettaq ir-reat ma ġiex identifikat jew ma nstabx ħati xorta tista' tikkwalifika għall-kumpens. L-evidenza li għandek bżonn tippreżenta hija r-rapport tal-Pulizija.

Hemm limitu ta' żmien li fih nista' nitlob kumpens?

Il-limitu ta' żmien huwa ta' sena minn meta twettaq ir-reat.

Liema telf u spejjeż jiġu koperti bil-kumpens?

Il-kumpens ser ikopri:

(a) Għall-vittma tar-reat:

— Ħsara materjali (mhux psikoloġik):

- spejjeż mediċi ta' korriment (trattament mediku — mit-triq u kura fl-isptar, irkupru)
- ħtiġijiet jew spejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn korriment (jiġifieri l-kura u l-assistenza, trattament temporanju jew permanenti, edukazzjoni fiżjoterapewtika fit-tul, adattament tad-djar, għajjniet speċjali eċċ.)
- korriment permanenti (eż. invalidità u tipi oħra ta' korriment permanenti)
 - telf ta' qligħ matul it-trattament mediku u wara (inkluż qligħ mitluf u telf ta' kapaċità jew kapaċità mnaqqsa ta' qligħ tal-għixien jew manutenzjoni mnaqqsa, eċċ.)
 - it-telf ta' opportunità
 - nefqiet relatati ma' proċeduri legali relatati mal-inċident li kkawża d-dannu, bħal fliksijiet legali, spejjeż tal-qorti)
 - kumpens għal proprjetà personali misruqa jew li sarilha l-ħsara
 - oħrajn - fid-diskrezzjoni assoluta tal-uffiċjal tat-talbiet

— Dannu psikoloġiku (morali):

- uġiġ u tbatija tal-vittma - fid-diskrezzjoni assoluta tal-uffiċjal tat-talbiet

(b) Għal persuni intitolati jew qraba tal-vittma:

— Dannu materjali (mhux psikoloġiku):

- spejjeż funerarji
- spejjeż mediċi (eż. terapija għal membru tal-familja, trattament ambulanti u tal-isptar, riabilitazzjoni)
- telf ta' manteniment jew ta' opportunità

Fid-diskrezzjoni assoluta tal-uffiċjal tat-talbiet.

— Dannu psikoloġiku:

- uġiġħ u t-tbatija ta' qraba jew persuni intitolati /kumpens lil superstiti jekk il-vittma mietet

Fid-diskrezzjoni assoluta tal-uffiċjal tat-talbiet.

Il-kumpens jitħallas f'pagament wieħed jew f'pagamenti mensili?

Il-kumpens ikun permezz ta' ħlas ta' somma f'daqqa, minflok pensjoni perjodika. Biss l-Uffiċjal tat-Talbiet jista' jagħmel għotja interim u li jipposponi li jagħmel għotja finali f'każ li stima medika finali tal-korriment tittardja biex tingħata.

B'liema mod tista' l-imġiba tiegħi stess fir-rigward tar-reat, il-kondotta tiegħi jew nuqqas ta' kooperazzjoni matul il-proċeduri ta' kumpens jaffettwaw il-possibbiltà li nieħu kumpens, u/jew l-ammont li nirċievi?

L-Uffiċjal tat-Talbiet jista' jżomm jew inaqqas kumpens fejn jikkunsidra li:

1. L-applikant naqas milli jieħu, mingħajr dewmien, il-passi kollha raġonevoli biex jinforma lill-pulizija, jew korp ieħor jew persuna oħra kkunsidrata xierqa mill-Uffiċjal tat-Talbiet għall-iskop in kwistjoni, biċ-ċirkostanzi li taw lok għar-reat; jew
2. L-applikant naqas milli jikkopera mal-pulizija jew awtorita' oħra biex tipprova tressaq lill-ħati quddiem il-ġustizzja; jew
3. L-applikant naqas milli jagħti dik l-assistenza kollha raġonevoli lill-Uffiċjal tat-Talbiet jew korp ieħor jew persuna in konnessjoni mal-applikazzjoni; jew
4. L-imġieba tal-applikant qabel, matul jew wara l-inċident li jagħti lok għall-applikazzjoni jagħmilha mhux xieraq li jingħata ammont ta' kumpens sħiħ jew kwalunkwe kumpens, jew
5. Il-karattru tar-rikorrent kif muri fil-kundanni kriminali tiegħu jew b'evidenza disponibbli għall-Uffiċjal tat-Talbiet jagħmilha mhux xieraq li jingħata l-għotja sħiħa jew kwalunkwe somma oħra kollha; jew
6. il-vittma kienet responsabbli b'mod konġunt jew parzjali għall-korriment sostnut; jew
7. L-imġieba tal-vittma, il-karattru tiegħu jew il-mod tiegħu ta' ħajja jagħmilha xieraq li jintagħmel dan;

L-ebda kumpens m'għandu jitħallas taħt l-iskema fejn:

1. il-korriment kriminali kien sostnut qabel l-1 ta' Jannar 2006;
2. l-Uffiċjal tat-Talbiet huwa tal-fehma li l-ħati huwa mhux indigenti jew sakemm ma tkunx ingħatat prova li l-azzjoni legali biex jintalab kumpens saret mingħajr eżitu favorevoli;
3. l-applikant ma jkunx, fl-opinjoni tal-Uffiċjal tat-Talbiet, ipprova l-għajjnuna raġonevoli kollha u informazzjoni meħtieġa għall-iskopijiet tar-regolamenti;
4. l-applikant kien responsabbli għall-ħsara kriminali sostnuta minħabba provokazzjoni jew kwalunkwe azzjoni oħra.

B'liema mod tista' s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħi taffettwa l-possibbiltà li nieħu kumpens u/jew l-ammont?

Is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek tista' taffettwa l-ammont mogħti.

Hemm xi kriterji oħra li jistgħu jaffettwaw il-possibbiltà li nieħu kumpens u/jew l-ammont?

M'hemmx kriterji oħrajn apparti dawk indikati hawn fuq.

Kif jiġi kkalkolat il-kumpens?

Il-kumpens jiġi kkalkolat b'evalwazzjoni diskrezzjonali.

Hemm xi limiti minimi/ammont massimu li jista' jingħata?

L-ebda ħals ta' xi pretendent m'għandu jaqbeż is-somma ta' tlieta u għoxrin elf u tliet mitt ewro (€23,300) u tali somma ma għandhiex tinqabeż fejn ikun hemm aktar minn talba waħda minħabba l-istess delitt.

Jien mistenni li nikkwota l-ammont fil-formola tat-talba? Jekk iva, nirċievi xi istruzzjonijiet dwar kif għandu jiġi kkalkolat jew dwar aspetti oħra?

Iva huwa mistenni li tikkwota l-ammont fil-formola u tista' tikseb struzzjonijiet dwar kif tikkalkulah jew dwar aspetti oħra.

Jekk nirċievi xi kumpens għat-telf minn sorsi oħra (bħal mingħand min iħaddimni jew skema ta' assigurazzjoni privata), se jitnaqqsu mill-kumpens imħallas mill-awtorità/entità?

L-ammont ta' kumpens għat-telf minn sorsi oħra jistgħu jitnaqqsu mill-kumpens imħallas mill-awtorità'.

Nista' nieħu ħlas bil-quddiem mill-kumpens? Jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

L-Uffiċjal tat-Talbiet għandu jkun intitolat li jagħmel kwalunkwe arranġamenti li huwa jikkunsidra xieraq għall-amministrazzjoni ta' flus li jagħti bħala kumpens.

Nista' nikseb kumpens kumplimentari jew addizzjonali (eż. wara bidla fiċ-ċirkostanzi jew saħħa li tmur għall-agħar eċċ.) wara d-deċiżjoni prinċipali?

Ma tistax tikseb kumpens kumplimentari jew addizzjonali wara d-deċiżjoni prinċipali.

X'dokumenti ta' sostenn għandi bżonn ninkludi mat-talba tiegħi?

Id-dokumenti huma dawn:

- prokura/prova ta' awtorità' jew relazzjoni mal-vittma
- ċertifikat tal-mewt tal-vittma
- kopja tar-rapport tal-pulizija
- kopja tas-sentenza/deċiżjoni tal-qorti;
- rapporti u ċertifikati mediċi;
- kontijiet tal-isptar;
- riċevuti ta' spejjeż oħra (kura, funeral);
- dħul (salarju, ħlasijiet ta' assistenza soċjali/assistenza);
- konferma tal-kontribuzzjoni (jew le) minn sorsi oħra (assigurazzjoni ta' min iħaddem, assigurazzjoni privata);
- ċertifikat tal-kondotta tal-pulizija;
- affidavit tal-applikant li ma rċieva l-ebda kumpens minn xi korp jew awtorità' oħra; dokumenti rilevanti

oħra skont iċ-ċirkostanzi.

Hemm imposti ħlasijiet amministrattivi jew oħrajn li għandhom jitħallsu meta t-talba tiġi riċevuta u pproċessata?

M'hemm l-ebda ħlasijiet amministrattivi jew oħrajn imposti f'dan il-każ.

Liema awtorità tiddeċiedi dwar talbiet ta' kumpens (f'każijiet nazzjonali)?

L-awtorità hija l-Uffiċjal tat-Talbiet mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

Fejn għandi nibgħat it-talba (f'kazijiet nazzjonali)?

It-talba għandha tintbagħat lill-Uffiċjal tal-Assistenza, Dipartiment tal-Ġustizzja, 14,16,18, Triq is-Suq, Floriana.

Għandi bżonn inkun preżenti matul il-proċedura u/jew meta tkun qed tiġi deċiża t-talba tiegħi?

M'għandekx bżonn tkun preżenti

Kemm tiegħu żmien (bejn wieħed u ieħor) biex l-awtorità tiddeċiedi dwar talba għal kumpens?

Bejn xahar jew xahrejn skont iċ-ċirkostanzi

Jekk m'iniex sodisfatt bid-deċiżjoni tal-awtorità, kif nista' nikkontestaha?

Mhux possibbli li tikkontesta d-deċiżjoni

Fejn nista' nikseb il-formoli meħtieġa u informazzjoni oħra dwar kif nagħmel talba?

Dawn itista' tiksibhom mid-Dipartiment tal-Ġustizzja jew inkellha mill-website:

<https://eforms.gov.mt/pdfforms.aspx?fid=pjd010e>

Hemm xi helpline speċjali jew xi sit web li nista' nuża?

<http://vso.org.mt/>

Nista' ningħata għajjnuna legali (għajjnuna minn avukat) meta nkun qed inħejji t-talba?

Iva, tista' tingħata għajjnuna legali

Hemm xi organizzazzjonijiet tal-appoġġ għall-vittmi li jistgħu jgħinuni nitlob kumpens?

<http://vso.org.mt/>

L-aħħar aġġornament: 22/06/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-

traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.